# Il-Kumitat tan-nar

| | |
|---|---|
| *President Onorarju:* | Mr. John Micallef |
| *President:* | Mr. Anthony Vassallo |
| *Vici President:* | Mr. Louis Falzon |
| *Segretarju u Direttur:* | fil-Post tan-Nar |
| | Mr. Nenu Aquilina |
| *As. Segretarju:* | Mr. Agostino Cascun |
| *Kaxxier:* | Mr. Nicholas Mangion |
| *Ass. Kaxxier:* | Mr. George Agius |
| *Membri:* | Mr. Saver Ellul |
| | Mr. Saver Baldacchino |
| | Mr. Salvino Cutajar |
| | Mr. Carmelo Balzan |
| | Mr. Emanuel Farrugia |
| | Mr. Nicholas Balzan |
| | Mr. France Camilleri |
| | Mr. Joseph Aquilina |
| | Mr. Nazarenu Schembri |
| | Mr. Charlie Pace |
| *Direttur Spiritwali:* | Rev. Arċipriet Dun Alwig Deguara |

**Il-kumitat tan-nar irodd hajr lil dawk kollha li ghinu biex dan il-programm jirnexxi.**

# *Programm ta' hruq tan-nar fl-okkazzjoni tal-festa ta' San Nikola u fl-okkazzjoni tat-300 sena mill-bini tal-knisja tas-Siggiewi*

*11—18 ta' Gunju 1972*



**L-GĦANJA TAD-DILETTANTI TAN-NAR**
**SIĠĠIWIN LIL SAN NIKOLA**
**F'JUM L-GĦID TIEGĦU**
**18 TA' ĠUNJU, 1972**

Ismagħha Nikola
Din hi l-Għanja tagħna
Minn qalbna rqamniha
Tul sena għalik,
Ħdimniha mexxejja . . .
Qabbieża . . .
Sabiħa . . .
Għalkemm duħħan tisfa',
Għalkemm tgħib mar-riħ.
Poġġejna ħajjitna
Qalb l-eħrex perikli
'L-mewt stess sfidajna
Ma bżajna minn xejn;
U ħdimna . . .
Stinkajna . . .
Biex ġbarna l-kuluri
Li sibna f'kull ġnejna
W f'bukketti rqamnieħ.
Ilqagħha Nikola
Din hi l-Għanja tagħna
Li biex irqamniha
'L-mewt stess sfidajna;
Ħarisna, Missierna,
Kif dejjem ħaristna;
Qatt tħalli li lilna
Xi deni jiġrilna
Ħa tibqa' kull sena
F'dal-jum li hu tiegħek
Għanjitna tirbombja
Ma' l-erbat irjieħ.

28/V/72. SPIRO BUHAGIAR.

# *Programm ta' ħruq tan-nar*

**Il-Ħadd, 11 ta' Ġunju:**

Fit-8.00 p.m. L-istatwa ta' San Nikola titqiegħed fil-Knisja: Salut, ħruq ta' Kaxxa Infernali, Murtaletti u Murtali.

**L-Erbgħa, u l-Ħamis, 14 u 15 ta' Ġunju:**

Ħruq ta' Murtali u Murtaletti.

**Il-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju:**

Waqt il-Banda San Nikola tas-Siġġiewi tkun tferraħ it-toroq tas-Siġġiewi, jiġu sparati Murtali u Murtaletti.

**Is-Sibt, 17 ta' Ġunju:**

Fid-9.30 a.m. waqt it-Te Deum, Kaxxa Infernali, Murtali u Murtaletti.

Fis-7.00 p.m. Translazzjoni mill-Knisja ta' San Ġwann għall-Knisja Matriċi Arċipretali tas-Siġġiewi. Salut, Kaxxa Infernali u logħob tan-nar fl-ajru.

Fil-11.15p.m. Logħob tan-nar kbir fl-ajru u Murtali tal-kulur.

12.00 Logħob tan-nar kbir fil-pjazza San Nikola u wara l-Kaxxa Infernali tal-kulur.

**Il-Ħadd, jum il-Festa, 18 ta' Ġunju:**

Fit-8.00 a.m. u 12.00 a.m. Murtali u Murtaletti.

Fit-8.00 p.m. Purċissjoni bl-istatwa artistika ta' San Nikola, Patrun tas-Siġġiewi, Salut, kaxxa infernali u logħob tan-nar fl-ajru.

Fid-9.30 p.m. Ħruq ta' Murtali tal-kulur u fl-10.30 p.m. Kaxxa Infernali.